**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Kevin Zammit Briffa**

Kaz Numru: 763/2013

**Illum 25 ta' April, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kevin Zammit Briffa ta' 48 sena, bin George u Maryanne nee' Zammit Tabone, mwieled Sliema, Malta, fis-7 ta' Awwissu 1964, residenti fi 24, 'Casa Fortuna', Triq il-Ktajjen, Swieqi, Malta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 431064M:

Fil-5 ta' Gunju 2012 u xhur ta' wara fl-istess sena', f'Malta u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, impjega jew ta xoghol lil persuna li ma kienx/kienitx persuna ezenti u li ma kelliex licenzja moghtija lilha gal dak l-impieg jew xoghol skont id-disposizzjonjiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukolli talli taht l-istess cirkostanzi, bhala persuna responsabbli li kien qed isir f'Malta, impjega persuna li ma kenitx cittadin ta' Malta meta din il-persuna ma kelliex permess validu u ufficjali.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi bhala principal jew persuna li timpjiega peruni ohra, full time, part time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-

Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b'dan l-impieg kif hemm stabbilit fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3[a] sa 10).

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li l-kaz thalla ghas-sentenza.

Kunsiderazzjonijiet

Illi l-imputat jinsab akkuzat li fil-5 ta' Gunju 2012 u xhur ta' wara ta' l-istess sena impjega jew ta xoghol lil persuna li ma kinitx ezenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol bi ksur tal-Kap 217; (ii) li impjega persuna li ma kinitx cittadina Maltija minghajr permess validu w ufficjali; u (iii) li ma nnotifikax lill-ETC.

Illi mill-provi jirrizulta li l-imputat ghandu l-kariga ta' *manager* mal-kumpanija Captain Morgan Cruises Ltd u dan sa mill-10 ta' Gunju 1985[1].

Illi l-Ispettur Camilleri xehdet[2] li fit-2 ta' Awwissu 2013 kienet tal-ghassa Immigration u giet infurmata mill-ghassa ta' San Giljan li kienet giet arrestata mara Izraeljana li kienet inqabdet tahdem ma' kumpanija Supreme Travel. Hija giet arrestata allegatament ghaliex kienet qeghda tahdem f'Malta illegalment. Fil-fatt minn verifiki li twettqu rrizulta li din il-mara kienet Lihi Ziv u li ma kellhiex permess biex tahdem. Hija kienet qeghda tahdem bhala gwida turistika ma' grupp ta' turisti Israeljani u kienet ukoll tahdem bhala interpretu mal-istess kumpanija. Inhareg *removal order* izda hija ddecidiet li tappella.

Lihi Ziv tat informazzjoni lill-Ispettur li hija kienet qeghda taghmel xoghol ukoll ma' persuni ohrajn fosthom semmiet lill-imputat odjern. Hija spjegat li flimkien ma' certu Jennifer Adams huwa kien lest li jhallasha l-ammont ta' €600 fix-xahar u anki tiehu 10% mill-pakketti ta' eskursjonijiet li jinbieghu lit-turisti. Kienet taghmel dan ix-xoghol

[1] Dok JS1 a fol 95 tal-process.
[2] Seduta tal-25 ta' Novembru 2013

bhala gwida ma' Captain Morgan Travel Limited u kien ihallasha l-imputat personalment. Il-perjodu kien mis-7 ta' Gunju sal-31 ta' Awwissu 2012. Imbaghad ghamlet zmien qasir meta telqet minn Malta u giet lura fid-9 ta' Settembru 2012.

Lihi Ziv xehdet[3] li certu Jenny Adams minn Special Delivery gabitha mill-Izrael u qaltilha li kellha tahdem maghha u mal-imputat ossija ma' Captain Morgan. Hija xehdet li l-imputat hallasha hafna drabi u kien ukoll jaghtiha l-istruzzjonijiet. L-imputat ipprovdilha akkomodazzjoni mill-5 ta' Gunju 2012 sat-28 ta' Settembru 2012 b'dan li minn dan il-perjodu qattghet tmint ijiem minnhom (mid-29 ta' Awwissu sad-9 ta' Settembru 2012) fl-Izrael. Tixhed li proprju l-ewwel gurnata li waslet, l-imputat ta €500 imbaghad thallset €600 f'kontanti u b'zieda ma' dan inghatat l-akkomodazzjoni u ammont li jkopri l-ghixien inkluz il-karozza, telefown u 10% bhala commission. Hija pprezentat diversi dokumenti[4] li jevidenzjaw u jikkoroboraw ix-xhieda taghha fis-sens li kienet qeghda tbiegh l-eskursjonijiet u li hija kienet tircievi 10% tal-prezz bhala commission u dan matul il-perjodu minnha msemmi. Il-kumplament tal-prezz tal-bejgh tal-biljetti kienet tghaddihom lil Captain Morgan Cruises Limited.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Huwa xehed li huwa impjegat mal-kumpanija Captain Morgan Cruises bhala General Manager li jiehu hsieb id-*day to day running* tal-kumpanija. Xehed li l-kumpanija li jahdem maghha tiehu grupp ta' nies li jigu mill-Izrael u l-agenzija li tibghathom riedet li jkollhom gwida li titkellem bil-Lhudi u b'hekk intbaghtet Lihi Ziv mill-istess kumpanija. Huwa xehed li Ziv qatt ma kienet impjegata mal-kumpanija. Huma riedu jaraw x'issarraf u bdew jaghtuha float u commission sakemm jiddeciedu hiex tajba ghax-xoghol. Kienet maghhom bhala prova. Mistoqsi in kontro-ezami jekk dan il-fatt ingiebx a konjizzjoni tal-ETC u t-Tourism Department huwa rrisponda li ma kienx jaf ghaliex ma kienx kompitu tieghu.

Illi mill-provi akkwiziti l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet kollha sal-grad rikjest mil-ligi. Infatti jirrizulta li Lihi Ziv kienet qeghda twettaq xoghol ghal-kumpanija Captain Morgan Cruises Limited billi tbiegh l-eskursjonijiet, bhala gwida turistika u xi

[3] Seduta tat-13 ta' Frar 2014

[4] Dok LZ4 a fol 67 et seq tal-process

kultant anki ssuq *jeeps.* Ir-relazzjoni taghha mal-kumpanija bdiet fil-5 ta' Gunju 2012 u damet ghal diversi xhur wara. Inoltre' f'Awwissu tal-istess sena din l-istess kumpanija applikatilha ghal *working permit*[5]. Irrizulta wkoll li l-imputat ta struzzjonijiet dwar ix-xoghol li kellha taghmel u li hallasha diversi drabi huwa. Mhux kredibbli li jinghad li hija kienet dak iz-zmien self-employed tant huwa hekk li ftit xhur wara li bdiet tahdem mal-kumpanija saret applikazzjoni mal-ETC ghal work permit mil-liema huwa car li hija kienet se tkun impjegata tal-kumpanija. Irrizulta wkoll li fil-perjodu inkwistjoni li Lihi Ziv ma kellhiex il-permess biex tahdem u li l-imputat kien ben konsapevoli li ma kellhiex tali permess.

L-imputat isostni li ma kienx huwa li impjega lil Ziv u li huwa la huwa direttur u lanqas shareholder. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kapitolu 249)li jghid hekk:

*"Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tal-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat:"*

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Cauchi**[6] gie ritenut:

*" In kwantu ghall-aspett 1c. ta' dan l-ewwel aggravju, kienu x'kienu l-arrangiamenti interni dwar id-distribuzzjoni tal-funzjonijiet interni fi hdan l-ghaqda kien id-dover tal-ufficjali tal-ghaqda li jigi assigurat li f'tali distribuzzjoni jittiehed qis tad-doveri imposti fuqhom bil-ligi u in partikolari bl-artikolu 13 tal-Kap. 249. Ma jistghux l-istess ufficjali jezimu ruhom mir-responsabilita' imposta fuqhom bil-ligi billi internament jiddistribwixxu l-funzjonijiet taghhom b'mod li jqeghdu lilhom infushom fil-pozizzjoni li ma jkunux jistghu jespletaw dik ir-responsabilita' bid-diligenza mehtiega minnhom skont il-ligi. Kien obbligu impost fuq il-President bl-artikolu 13 tal-Kap. 249 li biex jezimi ruhu mir-responsabilita' ghal reati kommessi mill-ghaqda kien mehtieg minnu li jezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-*

[5] Dok LZ8 a fol 106 et seq tal-process
[6] Qorti tal-Appell Kriminali deciz fit-23 ta' Marzu, 2012

*eghmil tar-reat. Dan jimplika li kellu d-dover li jezercita dik id-diligenza fis-sorveljanza tal-affarijiet tal-ghaqda biex jevita l-eghmil tar-reat."*

Illi kif diga gie rilevat irrizulta li l-imputat huwa *general manager* tal-kumpanija li tat xoghol lil Lihi Ziv, cittadina Izraeljana, meta din ta' l-ahhar ma kellhiex permess biex tahdem f'Malta. Huwa proprju minhabba dan l-artikolu tal-ligi appena citat li ma jistax jintlaqa' l-argument tad-difiza li l-imputat ma jistax jinstab hati ghaliex huwa m'ghandux kariga ta' rapprezentant legali tal-kumpanija. Irrizulta wkoll li l-imputat kien a konoxxenza li l-istess Lihi Ziv ma kellhiex il-permess necessarju u ghalhekk irrizulta li huwa ma hax il-prekawzjonijiet kollha biex dan ir-reat ma jitwettaqx mill-kumpanija. Din il-Qorti lanqas ma tista' taccetta d-difiza li Ziv kienet imposta fuq il-kumpanija u li hija bdiet topera bhala self-employed. Dan ma rrizultax. Dak li rrizulta huwa li hija kienet tithallas l-ammont ta' €600 fix-xahar, li kellha l-akkomodazzjoni imhallsa,kellha petrol u food allowance u kienet tithallas ukoll commission fuq il-bejgh tal-eskursjonijiet.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat u l-fatt li l-fedina penali ta' l-imputat hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolamenti 3, 4, 7 u 10 tal-Legislazzjoni Sussidarja 343.23 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ihallas multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500).

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat